

Brussell, 6 ta' Lulju 2017
(OR. en)

11053/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2014/0175 (COD)**

**CODIF 20
CODEC 1219
MI 549
UD 175
ECO 46**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Lulju 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 361 final
Suġġett:	Proposta emendata għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar id-dazji doganali ta' importazzjoni addizzjonali ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika (kodifikazzjoni)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2017) 361 final.

Niġbdu l-attenzjoni tad-delegazzjonijiet għall-fatt li l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kodifikazzjoni ttratta t-tliet proposti preċedenti tal-Kummissjoni għall-kodifikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 673/2005 tal-25 ta' April 2005 li jistabbilixxi d-dazji doganali ta' importazzjoni addizzjonali ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka, imsemmija fil-memorandum ta' spjegazzjoni ta' din il-proposta, li l-aħħar waħda minnhom ġiet iċċirkolata lid-delegazzjonijiet bid-dokument ST 10802/16. L-eżitu tal-proċedimenti tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kodifikazzjoni rigward dik il-proposta jinsab fid-dokument ST 7461/17.

Id-delegazzjonijiet huma mistiedna jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar il-proposta għall-kodifikazzjoni sal-10 ta' Settembru 2017 f'dawn l-indirizzi:

SECRETARIAT.Codification@consilium.europa.eu **U** sj-codification@ec.europa.eu

Niġbdu l-attenzjoni tad-delegazzjonijiet għall-Gwida Prattika dwar il-Kodifikazzjoni (dok. 14722/14 + COR1 tal-24 ta' Ottubru 2014).

Mehmuż: COM(2017) 361 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.7.2017
COM(2017) 361 final

2014/0175 (COD)

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar id-dazji doganali ta' importazzjoni addizzjonali ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika (kodifikazzjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-12 ta' Ġunju 2014 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill li tikkodifika r-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru 673/2005 tal-25 ta' April 2005 li jstabbilixxi d-dazji doganali ta' importazzjoni addizzjonali ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerka¹.
2. Fl-opinjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2014 il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Ġuridiċi, mwaqqaf permezz tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċelerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali ta' atti leġislattivi², iddikjara illi l-proposta imsemmija fl-ewwel punt tabilħaqq tillimita ruħha għas-sempliċi kodifikazzjoni, mingħajr ebda tibdiliet sostanzjali lill-atti li tkopri.
3. Fis-17 ta' Lulju 2015, wara l-introduzzjoni ta' emendi sussegwenti, il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel proposta³ emendata għall-kodifikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 673/2005.

Fl-opinjoni sussegwenti tagħha tas-17 ta' Diċembru 2015, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Ġuridiċi iddikjara li l-proposta emendata tabilħaqq tillimita ruħha għas-sempliċi kodifikazzjoni, mingħajr ebda tibdiliet sostanzjali fl-atti li tkopri.

4. Fit-23 ta' Ġunju 2016, wara l-introduzzjoni ta' aktar emendi, il-Kummissjoni ppreżentat it-tieni proposta emendata⁴ għall-kodifikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 673/2005.

Fl-opinjoni sussegwenti tagħha tal-20 ta' Diċembru 2016, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Ġuridiċi iddikjara li l-proposta emendata tabilħaqq tillimita ruħha għal sempliċi kodifikazzjoni, mingħajr ebda tibdiliet sostanzjali fl-atti li tkopri.

5. Fid-dawl tal-emendi adottati⁵ għar-Regolament (KE) Nru 673/2005 u fid-dawl tax-xogħol li diġà sar waqt il-proċess leġislattiv fuq din il-proposta, il-Kummissjoni deċidiet li tippreżenta – skond l-Artikolu 293(2) tat-TFEU- proposta emendata oħra għall-kodifikazzjoni tar-Regolament ikkonċernat.

Din il-proposta emendata tqies ukoll il-bidliet ta' natura purament formali jew testwali proposti mill-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Ġuridiċi fejn dawn kienu kkunsidrati bħala ġustifikati⁶.

¹ COM(2014) 343 final ta' 12.6.2014.

² ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

³ COM(2015) 350 finali tas-17.7.2015.

⁴ COM(2016) 408 finali tat-23.6.2016.

⁵ ĠU L 113, 29.4.2017, p. 12.

⁶ Cf, l-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiva tal-20 ta' Diċembri 2016.

6. Meta mqabbla mal-proposta inizjali msemija fir-raba' punt, il-bidliet mdaħħla f' din il-proposta emendata huma dawn li ġejjin:

(1) il-kliem tal-Artikolu 2 hu mibdul b'dan li ġej:

“Dazju ad valorem ta' 4,3 % addizzjonali għad-dazju doganali applikabbli skont Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandu jiġi impost fuq il-prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti kif elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.*

* *Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).”;*

(2) il-kliem tal-Artikolu 6 hu mibdul b'dan li ġej:

“L-oriġini ta' kwalunkwe prodott li għalih japplika dan ir-Regolament għandu jkun determinat skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013.”

(3) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 3 hu mħassar;

(4) It-test tal-Anness I hu mibdul b'dan li ġej:

“Prodotti li fuqhom għandhom japplikaw dazji addizzjonali huma identifikati mill-kodiċijiet NM bi tmien ċifri. Id-deskrizzjoni tal-prodotti kklassifikati taħt dawn il-kodiċijiet jistgħu jinstabu fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87”*

0710 40 00

ex 9003 19 00 “Frejms u immuntar ta' nuċċalijiet minn metall ta' valur baxx”

8705 10 00

6204 62 31

* *Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in- nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 256, 7.9.1987, p.1).”;*

(5) Fl-Anness III, jiżdied it-test li ġej:

“Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/750 (ĠU L 113, 29.4.2017, p. 12).”;

(6) fl-Anness IV, ir-referenza għal “Artikolu 7(3)” hija mibdula b'dan li ġej: “–”.

7. Sabiex jiġu ffaċilitati l-qari u r-reviżjoni, it-test sħiħ tal-proposta emendata għall-kodifikazzjoni huwa meħmuż hawnhekk.

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

☒ dwar ☒ id-dazji doganali ta' importazzjoni addizzjonali ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerka (kodifikazzjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat ☒ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ☒, u b'mod partikolari l-Artikolu ☒ 207 (2) ☒ tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁷,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:



(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 673/2005⁸ ġew mibdula b'mod sostanzjali diversi drabi⁹. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, dak ir-Regolament għandu jiġu kkodifikat.

↓ 673/2005 premessa 1

(2) Fis-27 ta' Jannar 2003, il-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim ("DSB") ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") adotta r-rapport¹⁰ tal-Korp ta' l-Appell u r-rapport tal-Panel¹¹, kif ikkonfermat mir-rapport tal-Korp ta' l-Appell, li sab li l-*Continued Dumping and Subsidy Offset Act* ("CDSOA") kien inkompatibbli ma' l-obbligazzjonijiet ta' l-Istati Uniti skond il-ftehim tal-WTO.

⁷ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁸ Regolament tal-Kunsill Nru 673/2005 tal-25 ta' April 2005 li jstabilixxi d-dazji doganali ta' importazzjoni addizzjonali ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerka (ĠU L 110, 30.4.2005, p. 1).

⁹ Ara anness III.

¹⁰ L-Istati Uniti – *Offsets Act (Byrd Amendment)*, rapport tal-Korp ta' l-Appell (WT/DS217/AB/R, WT/DS234/AB/R, 16 ta' Jannar 2003).

¹¹ L-Istati Uniti – *Offsets Act (Byrd Amendment)*, Rapport tal-Panel (WT/DS217/R, WT/DS234/R, 16 ta' Settembru 2002).

↓ 673/2005 premessa 2 (adattat)

- (3) Peress li l-Istati Uniti ma rnexxielhomx iġibu l-leġislazzjoni tagħhom f'konformità mal-ftehim kopert, il-Komunità talbet l-awtorizzazzjoni tad-DSB sabiex tissospendi l-applikazzjoni tal-konċessjonijiet tariffarji u obligazzjonijiet relatati skond il-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 lill-Istati Uniti¹². L-Istati Uniti oġġezzjonaw għal-livell ta' sospensjoni tal-konċessjonijiet tariffarji u obligazzjonijiet relatati u l-kwistjoni tressqet għall-arbitraġġ.
-

↓ 673/2005 premessa 3 (adattat)

- (4) Fil-31 ta' Awwissu 2004, l-Arbitraturi ddeterminaw li l-livell ta' tixjin jew ta' ħsara kkawżati kull sena lill-Komunità kien ekwivalenti għal 72 % ta' l-ammont ta' l-iżburzar tas-CDSOA relatat mad-dazji *anti-dumping* jew kompensatorji mħallsa fuq importazzjonijiet mill-Komunità għall-aktar sena riċenti li għaliha hemm *data* disponibbli f'dak il-waqt, kif ippubblikata mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti. L-Arbitratur ikkonkluda li s-sospensjoni mill-Komunità ta' konċessjonijiet jew obligazzjonijiet oħra, fil-forma ta' impożizzjoni ta' dazju ta' importazzjoni addizzjonali barra minn dazji doganali konsolidati, fuq lista ta' prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti li jkopru, fuq bażi ta' sena, valur totali ta' kummerċ li ma jaqbiżx l-ammont ta' tixjin jew ħsara tkun konsistenti mar-regoli tal-WTO. Fis-26 ta' Novembru 2004, id-DSB tat l-awtorizzazzjoni biex l-applikazzjoni lill-Istati Uniti ta' konċessjonijiet tariffarji u obligazzjonijiet relatati skond GATT 1994 tkun sospiża bi qbil mad-deċiżjoni ta' l-Arbitratur.
-

↓ 673/2005 premessa 4 (adattat)

- (5) L-iżbursar tas-CDSOA għall-aktar sena riċenti li għaliha hemm *data* disponibbli jirrigwarda d-distribuzzjoni ta' dazji *anti-dumping* u kompensatorji miġbura matul is-sena Fiskali 2004 (mill-1 ta' Ottubru 2003 sat-30 ta' Settembru 2004). Fuq il-bażi ta' d-*data* ppublikata mill-Protezzjoni Doganali u tal-Fruntieri ta' l-Istati Uniti, il-livell ta' tixjin jew ħsara kkawżat lill-Komunità huwa kkalkulat li jammonta għal USD 27,81 miljun. Il-Komunità ☒ kienet għalhekk awtorizzata ☒ tissospendi l-applikazzjoni tal-konċessjonijiet tariffarji lill-Istati Uniti għal ammont ekwivalenti. L-effett ta' dazju *ad valorem* addizzjonali fuq l-importazzjoni ta' 15 % fuq prodotti fl-Anness I li joriġinaw mill-Istati Uniti jirrappreżenta, fuq sena, valur tal-kummerċ li ma jaqbiżx USD 27,81 miljun. Fir-rigward ta' ☒ dawk ☒ il-prodotti, il-Komunità għandha tissospendi l-applikazzjoni tal-konċessjonijiet tariffarji lill-Istati Uniti mill-1 ta' Mejju 2005.
-

↓ 673/2005 premessa 5 (adattat)

- (6) Jekk in-nuqqas ta' implimentazzjoni tad-deċiżjoni u r-rakkomandazzjoni tad-DSB ikompli, il-Kummissjoni għandha kull sena taġġusta l-livell ta' sospensjoni għal-livell ta' tixjin jew ħsara kkawżat lill-☒ Unjoni ☒ mis-CDSOA f'dak il-waqt. Il-Kummissjoni għandha temenda l-lista fl-Anness I jew ir-rata ta' dazju addizzjonali fuq l-importazzjoni sabiex l-effett tad-dazju addizzjonali fuq importazzjonijiet

¹² L-Istati Uniti – *Offsets Act (Byrd Amendment)*, Rikors mill-Komunitajiet Ewropej għall-Artikolu 22.2 tad-DSU (WT/DS217/22, 16 ta' Jannar 2004).

mill-Istati Uniti tal-prodotti magħżula, jirrappreżenta, fuq sena, valur tal-kummerċ li ma jaqbiżx l-ammont ta' tixjin jew ħsara.

↓ 673/2005 premissa 6 (adattat)

(7) Il-Kummissjoni għandha tirrispetta dawn il-kriterji li ġejjin:

- (a) il-Kummissjoni għandha temenda r-rata ta' dazju addizzjonali fuq l-importazzjoni meta ż-żieda jew it-tneħħija ta' prodotti mil-lista fl-Anness I ma jippermettix li l-livell ta' sospensjoni jiġi aġġustat għal-livell ta' tixjin jew ħsara. Inkella, il-Kummissjoni għandha żżid prodotti mal-lista fl-Anness I jekk il-livell ta' sospensjoni jizjed jew tirtira prodotti minn ☒ dik ☒ il-lista jekk il-livell ta' sospensjoni jonqos.
- (b) jekk prodotti huma miżjuda, il-Kummissjoni għandha tagħżel il-prodotti mil-lista fl-Anness II b'mod awtomatiku billi timxi skond l-ordni li biha l-prodotti huma elenkati. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni għandha temenda wkoll il-lista fl-Anness II billi tneħħi minnha l-prodotti miżjuda mal-lista fl-Anness I.
- (c) jekk xi prodotti jiġu irtirati, il-Kummissjoni għandha, l-ewwel, tneħħi l-prodotti li ġew miżjuda mal-lista fl-Anness I ☒ wara l-1 Mejju 2005 ☒. Il-Kummissjoni għandha imbagħhad tneħħi l-prodotti li ☒ kienu ☒ fil-lista tal-Anness Ibilli timxi skond l-ordni ta' dik il-lista.

↓ 38/2014 Art. 1 u Anness .4
(adattat)

(8) Sabiex isiru l-aġġustamenti meħtieġa għall-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tar-rata ta' dazju addizzjonali jew il-listi fl-Annessi I u II skont il-kondizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u adatta tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill,

↓ 673/2005 (adattat)

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-konċessjonijiet tariffarji u l-obbligazzjonijiet relatati taħt il-GATT 1994 tal-☒ Unjoni ☒ huma hawnhekk sospiżi fir-rigward ta' prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dazju *ad valorem* ta' 4,3 % addizzjonali għad-dazju doganali applikabbli skont Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ għandu jiġi impost fuq il-prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti kif elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni għandha taġġusta l-livell ta' sospensjoni kull sena għal-livell ta' tixjin jew ħsara kkawżat mill-*Continued Dumping and Subsidy Offset Act* (CDSOA) lill- Unjoni f'dak il-waqt. Il-Kummissjoni għandha temenda r-rata ta' dazju addizzjonali jew il-lista fl-Anness I taħt dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-livell ta' tixjin jew ħsara għandu jkun ekwivalenti għal 72 % ta' l-ammont ta' żburzar taħt is-CDSOA relatati ma' dazji *anti-dumping* jew kompensatorji mħallsa fuq importazzjonijiet mill- Unjoni għall-aktar sena riċenti li għaliha tkun disponibbli *data* f'dak il-waqt, kif ippubblikata mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti;
- (b) L-emenda għandha ssir sabiex l-effett tad-dazju addizzjonali fuq l-importazzjoni fuq importazzjonijiet tal-prodotti magħżula li joriġinaw mill-Istati Uniti jirrappreżenta, fuq sena, valur tal-kummerċ li ma jaqbiżx il-livell ta' tixjin jew ħsara;
- (ċ) ħliet f'ċirkustanzi previsti fil-punt (e), meta l-livell ta' sospensjoni jizjed, il-Kummissjoni għandha iżjed prodotti mal-lista fl-Anness I. Dawk il-prodotti għandhom ikunu magħżula mil-lista fl-Anness II skond l-ordni ta' dik il-lista;
- (d) ħliet f'ċirkustanzi previsti fil-punt (e), meta l-livell ta' sospensjoni jonqos, prodotti għandhom ikunu irtirati mil-lista fl-Anness I. Il-Kummissjoni għandha tneħħi, l-ewwel, prodotti li bħalissa huma fil-lista ta' l-Anness II u ġew miżjuda mal-lista fl-Anness I aktar tard. Il-Kummissjoni għandha mbagħhad tneħħi prodotti li jinstabu fuq il-lista ta' l-Anness I fl- 1 Mejju 2005 , skond l-ordni ta' dik il-lista;
- (e) il-Kummissjoni għandha temenda r-rata ta' dazju addizzjonali meta l-livell ta' sospensjoni ma jistax jiġi aġġustat għal-livell ta' tixjin jew ħsara biż-żieda jew it-tneħħija ta' prodotti mil-lista fl-Anness I.

2. Meta xi prodotti jizjedu mal-lista fl-Anness I, il-Kummissjoni għandha, fl-istess ħin, temenda l-lista fl-Anness II billi tneħħi dawk il-prodotti mil-lista fl-Anness II. L-ordni tal-prodotti li jifdal fil-lista fl-Anness II m'għandhiex tinbidel.

¹³ Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottobru 2013 li jstabilixxi il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

↓ 38/2014 Art. 1 u Anness .4(1)

3. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 4 biex tagħmel aġġustamenti u emendi taħt dan l-Artikolu.

Meta l-informazzjoni dwar l-ammont ta' żborżamenti li jsiru mill-Istati Uniti tkun disponibbli tard fis-sena, b'mod tali li ma jkunux jistgħu jiġu ssodisfati l-iskadenzi tad-WTO u dawk statutorji permezz tal-użu tal-proċedura prevista fl-Artikolu 4, u fejn, fil-każ ta' aġġustamenti u emendi għall-Annessi, raġunijiet imperattivi ta' urġenza hekk jeħtieġu, il-proċedura stipulata fl-Artikolu 5 għandha tapplika għall-atti ddelegati adottati skont l-ewwel subparagrafu.

↓ 38/2014 Art. 1 u Anness .4(2)

Artikolu 4

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati tingħata lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati msemija fl-Artikolu 3(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn 20 ta' Frar 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi tal-istess tul, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 3(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha jkollha effett fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data sussegwenti speċifikata hemmhekk. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe atti ddelegati li huma diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 3(3) għandu jidhul fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

↓ 38/2014 Art. 1 u Anness .4(3)

Artikolu 5

1. Atti ddelegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma ssir l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta'

att iddelegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Jew il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att iddelegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 4(5). F'tali każ, il-Kummissjoni għandha tassar l-att bla dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

↓ 673/2005 (adattat)

Artikolu 6

L-orijini ta' kull prodott li għalih japplika dan ir-Regolament għandu jkun determinat skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013.

Artikolu 7

1. Prodotti elenkati fl-Anness I li għalihom inħarġet liċenzja ta' importazzjoni b'eżenzjoni minn, jew bi tnaqqis ta' dazju qabel ☒ 30 April 2005 ☒ m'għandhomx ikunu suġġetti għad-dazju addizzjonali.

2. Prodotti elenkati fl-Anness I li jiddaħħlu mingħajr dazji ta' importazzjoni skond Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009¹⁴ m'għandhomx ikunu suġġetti għad-dazju addizzjonali.

↓

Article 8

Ir-Regolament (KE) Nru 673/2005 huwa mħassar.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu mifhuma bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

↓ 673/2005 (adattat)

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ☒ fl-għoxrin ☒ jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

¹⁴ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali (ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
il-President*